MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2013

Numru. 103/2013

Il-Pulizija
(Sp Arthur Mercieca)
vs
Jamac Hassan Mohamud, iben Jamac Hassan, imwieled l-Iran fl-1 ta’ April, 1986, numru tal-pulizija 12VO42
u
Adan Farah Mohammed, iben Adan Farah, imwieled Mogadishu, is-Somalja fis-6 ta’ April, 1992, numru tal-pulizija 12VO41

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli fl-4 ta’ Frar, 2013 għal ħabta tal-4.00 a.m. ġewwa Ħal-Far ħarbu minn post ta’ kustodja jew mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tagħhom.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li r-reat askritt lill-imputati huwa ta’ ħarba sempliċi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta’ Frar, 2013 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom.  Rat l-artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundanna lil kull wieħed mill-imputati għal piena ta’ sena priġunerija kull wieħed minnhom.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------